**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 11/21**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021 |
| **Ħin:** | 5:50pm |
| **Post:** | Microsoft Teams \| Direttiva mid-Dipartiement tal-Gvern Lokali |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:47pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Sas-7:06pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera (Skużata)<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **11.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **11.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **11.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **11.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **11.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **11.07** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **11.08** | **Mozzjonijiet; u** |
| **11.09** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv resaq għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Camilleri, Baldacchino u Fenech. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 10/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 11. 2. 1 | 10.02.21 | Viċi-Sindku | Għandha tiġi rranġata għal isiru minflok isitu | |
| 11. 2. 2 | 10.03.04 | Chircop | Chircop qal li dwar dan kien hemm diskussjoni fosthom li jitnaqqas l-ammont ta' mwejjed u jsir tipo ta' fencing biex tiġi segregata mill-bqija. Dan l-ilment wassalnih għand l-M.T.A. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2 5 | | Sindku: | Fid-9 ta' Diċembru l-anzjani mid-Dar tal-Anzjani taż-Żejtun flimkien mal-carers ippreżentaw kartolina ta' ringrazzjament u ponsietta lis-Sindku. Dan kien ġest ħelu u ġie apprezzat fejn dawn ġew imdawwra mal-għassa u l-iskejjel. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 6 | | Sindku: Xogħlijiet | Is-Sindku qalet li tkellmet mas-CEO tal-Enemalta s-Sur Cardona fejn ġibditlu l-attenzjoni bi problema fit-tarmak fi Triq Ħal Tarxien, li ġiet irranġata mmedjatament u ta' dan nirringrazzjawh. | Sindku |
| 11. | 2 | 7 | | Sindku: Strina | Is-Sindku qalet li bħal snin preċedenti l-Kunsilliera flimkien mal-istaff għandna nagħmlu ġabra u tingħata lill-Istrina. | Sindku |
| 11. | 2 | 8 | 10.02.11 | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-perit tal-W.S.C. fejn ġibditlu l-attenzjoni li d-deadlines mhux jintlaħqu u mhux ser nittoleraw li nħallu kanali mikxufin waqt li l-ħaddiema ikunu bil-leave tal-Milied. Ittieħdet azzjoni immedjata sabiex tal-inqas jingħalqu l-kanali. Ser tingħata parti minn Triq il-Kamumilla bl-asfalt u beda x-xogħol fi Triq il-Ġiebja Rumana fejn ser jinbidlu s-sistemi tad-drenaġġ u ilma. | Sindku |
| 11. | 2 | 9 | 10.02.08 | Viċi-Sindku: Kompetizzjoni ZIZ2021 | Il-Viċi-Sindku qalet li kien hemm parteċipant wieħed biss Luca Zahra | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 10 | 10.02.10 | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi triq Toni Zahra | Il-Viċi-Sindku reġat staqsiet dwar dan pero għad m'għandniex risposta. | |
| 11. | 2 | 11 | 10.02.19 | Viċi-Sindku: Culverts | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm bżonn jitnaddfu l-culverts fi Triq Toni Zahra. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 12 | 10.02.20 | Viċi-Sindku: Tiżjin tal-Milied | Il-Viċi-Sindku qalet li t-tiżjin tal-Milied kompla sebbaħ il-lokal. Is-Sindku qalet li l-fondi li ser nieħdu mir-Reġjun Xlokk li jammontaw għal €1200 qed ikomplu jgħinu sabiex jiżdied t-tiżjin mas-sena ta' qabel.. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 13 | 10.06.01 | Chircop: Attivitajiet tal-Milied | Chircop qal li kellu żball u l-fondi għall-attivitajiet tal-Milied mhux ser noħduhom. Chircop qal li l-workshop tal-presepji sar u l-premijiet ser ikunu dawk ta' €150 u €50 għal kull kategorija. Dan kellhom jitnaqqsu. Chircop qal ukoll li għall-Kunċert tfal li mhux imlaqqma mhux ser jitħallew jattendu. | Chircop |
| 11. | 2 | 14 | 10.04.04 | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġar | Il-Viċi-Sindku qalet li qed tfakkar dwar dan. Is-Sindku qalet li din qedha ġo parti privata u l-kuntrattur ma jistax jagħmel dan ix-xogħol. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 15 | 10.02.07 | Chircop: Bye-law tal-ħamiem | Chircop staqsa fiex wasalna. Dwar dan ser inkunu qed nergħu niċċekjaw sabiex din il-bye-law tiġi implimentata. | Segretarju Eżekuttiv |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/21. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | 1 | DLG: Skema ta' Finanzjament għal Krejazzjoni u Spazji Miftuħa | Is-Sindku talbet li din għandha tiġi ċċarata mad-Dipartiment għalfejn ma ħadniex il-fondi. Ser tintbgħat imejl sabiex tintalab spjegazzjoni. | Sindku / Segretarju Ezekuttiv |
| 11 | 3 | 2 | 02 | DLG: Finanzjament għall-iżvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields | Is-Sindku qalet li applikajna għal Ġnien Brejġu. Ġejna mogħtija €18,000 u ħamsa u sebgħin fil-mija tagħhom ġa ġew depożitati fl-accounts tagħna. | Sindku / Segretarju Ezekuttiv |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 4 | 1 | Viċi-Sindku: Magical Garden Event | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dettalji ta' dan l-avveniment. Is-Sindku qalet li wara li evalwaw l-attivitajiet tal-madwar ser ikunu ħafna minnhom b'xejn, ġie deċiż li d-dħul għandu jkun bla ħlas. | Viċi-Sindku |
| 11. | 4 | 2 | Caruana Roderick: Arloġġ tal-Knisja | Caruana staqsa dwar jekk nistawx nagħmlu pressjoni sabiex jiġi rranġat d-dawl li ġie nstallat mal-arloġġ li għadu kif ġie restawrat peress li dan huwa qawwi ħafna. | Caruana |
| 11. | 4 | 3 | Abela: Ġibjuni | Abela qalet li ġiet avviċinata minn Steve Mallia sabiex ikun jista' jagħti titwila l-ġibjuni li għandna fil-pjazza wara lid an qed jagħmel proġett dwar dawn. Ser inkunu qed nagħmlu kuntatt mas-Sur Mallia biex naraw x'għandu bżonn. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11.** | **5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 5 | 1 | Caruana Raymond: Ħsara mill-kuntrattur | Caruana ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol fl-area ta' Ganza għamel ħsara li parti mit-taraġ li jinsab f'din l-akwata wara li niżżel makkinarju min fuqu. Ser inkunu qed nitkellmu mal-W.S.C. sabiex din il-ħsara tiġi rranġata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 5 | 2 | Caruana Raymond: Bins | Caruana qal li hemm bżonn jitwaħħal bin bis-separazzjoni fejn il-Klabb tal-Boċċi. | Sindku |
| **11.** | **6.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 6. | 1 | Chircop: Tnehdija tal-Ktieb | Chircop qal li l-ktieb 'Kelmtejn mill-Popolin Djaletti u Poeżiji' ser ikun qed jiġi ppublikat f'Jannar li fih ħadu sehem 29 żejtuni. Id-Data tat-tnehdija ser titħbbar iktar tard. | Chircop |
| 11. | 6. | 2 | Chircop: Workbook | Chircop qal li l-workbook ser ikun qed jitqassam lill-istudenti tal-year 1 sa year 6. Irringrazzja lill-Onorevoli Ministru Owen Borg u l-Ministeru Għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Koordinazzjoni tal-Istrateġija wara l-Covid-19. | Chircop |
| 11. | 6. | 3 | Chircop | Chircop qal li s'issa irċevejna żewġ ismijiet mill-Għaqda Mużikali Beland jipproponu lil Joseph Gatt u Mark Pace. Mill-għaqdiet l-oħra għadna ma smajna xejn. | Chircop |
| **11.** | **7.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 7. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 11/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 7. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 11/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 7. | 3 | *Petty Cash* - Novembru | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €115.90 | Segretarju Eżekuttiv |
| **11** | **11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. | 11 1 | Chircop: Traffic Management | Chircop ressaq mozzjoni sabiex numru ta' toroq jinbidlilhom l-isem eżistenti hekk kif ġej:<br>1) Sqaq il-Merħla jiġi Sqaq taċ-Ċawsli<br>2) Triq Ħal Tarxien tinbidel għal Triq Wied iż-Żrinġ<br>3) Triq il-Kavallier Megino tigi Il-Kavallier Alberto de Megino tiġi Triq Ħal Tmikki<br>4) Parti minn Triq id-Daħla ta' San Tumas tiġi Triq Ħal Għadir.<br>5) Sqaq bla isem jiġi Sqaq tal-Ħotob<br>6) Triq bla isem tiġi Triq id-Dama Francis Grima<br>7)Triq bla isem tiġi Triq Fanny Attard Bezzina<br>8) Wesgħa bla isem tiġi Wesgħet Joseph u Blanche Caruana<br>9) Wesgħa bla isem tiġi Wesgħat Maggie Moran<br>10) Triq il-Makna tat-Tħin tibqa' kif inhi f'Ġebel San Martin u l-pjazzetta tiġi Wesgħa Nenu Delia. Dwar dan kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil dwar dawn it-tibdiliet minbarra dawn li ġejjien Triq il-Kavallier Alberto de Megino, Ħal Tmikki u Triq Ħal Għadir li għad iridu jiġu diskussi u tittieħed deċizjoni dwarhom. | Chircop |
| **11** | **12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2022 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |